# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2016**

**Numru 6**

**Rikors numru 27/13 TM**

**Paul Mifsud f'ismu personali u f'isem George Mifsud, Lourdes Farrugia u Laurence Sciberras li b'digriet tal-Qorti tad-29 ta' Settembru 2015, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li l-atti jigu trasfuzi f'isem Marcia Martha Sciberras stante l-mewt ta' Lawrence Anthony Sciberras; Alfred Mifsud f'ismu personali u f'isem u ghan-nom ta' Melanie While, Rebecca Millican, Daniela Coombe u Maria Mathews; Dr Thomas Abela f'isem u ghan-nom ta' Paul Alexander nee` Sciberras; Catherine Fsadni f'isimha personali u ghan-nom ta' Paoline Mifsud, Mary Davies u Vicky Stainer; Tarcisio Mifsud f'isem u ghan-nom ta' Mary Felice; Charles Vella li b'digriet tal-Qorti tal-5 ta' Ottubru 2015, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li l-atti jigu trasfuzi f'isem Catherine Vella, armla ta' Carmelo, u Joseph u Renato ahwa Vella stante l-mewt ta' Charles Vella; Paul Vella; Vincent Vella; Vivienne Mifsud; Carmela Buttigieg; Angela Gauci; Paul Gauci; Charmaine Gauci; Anthony Gauci; Saviour Gauci; Charles Mifsud u Bernarda sive Benny Balzan**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet u l-Korporazzjoni Enemalta li b'nota pprezentata fit-12 ta' Gunju 2015, is-socjeta` Enemalta plc assumiet l-atti minflok il-Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dawn huma zewg appelli principali - wiehed maghmul mill-Kummissarju [il-Kummissarju] u l-iehor maghmul mir-rikorrenti kollha - kif ukoll appell incidentali maghmul mis-socjeta` Enemalta plc [l-intimata] minn sentenza [is-sentenza] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' April 2016 li permezz taghha dik il-Qorti [l-ewwel Qorti] iddecidiet fuq it-talbiet tar-rikorrenti billi [1] iddikjarat li d-Dikjarazzjonijiet tal-President tar-Repubblika [id-Dikjarazzjonijet] maghmulin skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici [il-Kap. 88] kif jidhru fin-notifiki tal-Gvern tas-16 ta' Awwissu 1978 u tal-25 ta' Mejju 1984, in kwantu jirrigwardaw l-art tar-rikorrenti fil-Qajjenza, Birzebbugia, eskluzi minnha z-zewg porzjonijiet [ta' kejl 509m2 u 139m2] espropriati fl-2012, jilledu d-dritt fundmentali tar-rikorrenti kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni] stante li "ma jezistix l-interess pubbliku ghat-tehid tal-istess proprjeta` tar-rikorrenti u li ma gewx effettivament approprjati mill-awtorità pubblika", [2] konsegwentement iddikjarat id-Dikjarazzjonijiet imsemmija in kwantu jolqtu l-proprjeta` in kwistjoni bhala bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u ordnat ir-rilaxx tal-fuq

indikata art favur ir-rikorrenti, (3) iddikjarat li d-dewmien tal-proceduri jikkostitwixxi ksur tad-dritt tar-rikorrenti protett bl-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, u (4) ordnat liz-zewg intimati sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu lir-rikorrenti flimkien is-somma ta' €15,000 bhala kumpens ghal-lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali fuq indikati. Bl-ispejjez kontra z-zewg intimati in solidum.

Mertu

2. Permezz ta' zewg dikjarazzjonijiet presidenzjali ppubblikati f'Awwissu tal-1978 u f'Mejju tal-1984, kien inbeda l-process tal-espropriju ta' zewg porzjonijiet minn art tar-rikorrenti u tal-awturi fid-dritt taghhom, fil-Qajjenza, Birzebbugia. In forza tal-istess dikjarazzjonijet l-art ittiehdet mill-pussess tar-rikorrenti ghal skop pubbliku sabiex iservu ghall-istallazzjoni ta' impjant tal-gass tas-socjeta` intimata. L-art mehuda tikkonsisti f'zewg bicciet art imissu ma' xulxin. L-iskop originali tal-espropriju kien li dawn il-porzjonijiet ta' art jigu akkwistati mill-Gvern b'titolu ta' xiri assolut. Fiz-zewg kazi, il-kumpens offrut ma giex accettat mis-sidien u l-kwistjoni tal-kumpens tressqet quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet [il-Bord].

3. B’zewg decizjonijiet tat-22 ta’ Jannar 1990, il-Bord laqa’ t-talbiet tal-Kummissarju u ffissa l-kumpens dovut ghal porzjoni ta’ art tal-kejl ta’ 5349mk fl-ammont ta’ Lm952 u ghal porzjoni tal-bicca l-ohra tal-kejl ta’ 3985mk fl-ammont ta’ Lm800. Il-Bord kien ordna wkoll li ssir il-pubblikazzjoni tal-att ta’ trasferiment relattiv, sabiex iz-zewg porzjonijiet jigu trasferiti lill-Kummissarju b’titolu ta’ xiri assolut. Izda, ghalkemm dawn is-sentenzi ghaddew in gudikat, il-kuntratti relattivi qatt ma gew ippubblikati, bir-rizultat li l-art baqghet proprjeta` tar-rikorrenti, ghalkemm miz-zmien tal-esproprju de facto, partijiet minnha bdew jintuzaw mis-socjeta` intimata ghall-htigijiet taghha.

4. Fis-sena 2012 zewg porzjonijiet mill-istess art jew artijiet mertu tad-decizjonijiet tal-Bord, regghu gew esproprjati mill-Kummissarju, din id-darba bis-sahha tal-emendi godda ghall-Kap. 88[1], b’mod li dawn il-bicctejn art saru proprjeta` tal-Gvern mad-dikjarazzjoni presidenzjali fit-termini tal-Artikolu 22(8) tal-imsemmija Kap. Il-bicctejn art zghar, bil-kejl ta’ 509mk u 139mk gew stmati €205 u €58.50 rispettivament. Dan l-esproprju wkoll sar fl-interess pubbliku u, filwaqt li fuq il-bicca tal-kejl ta’ 509 mk ghad hemm xi tal-impjant tal-Enemalta, fuq il-parti l-ohra hemm sub-station li jservi wkoll ir-residenzi u lin-negozji fl-inhawi.

5. Permezz tal-proceduri odjerni, ir-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni ta’ lezjoni tad-drittijiet taghhom taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’

[1] Introdotti fis-sena 2002

Malta, l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tat-Trattat ta' Lisbona u dan billi t-tehid tal-art kollha mehuda m'ghadux aktar mehtieg ghall-uzu pubbliku, kif ukoll li l-kumpens offrut huwa sproporzjonat fid-dawl tad-dannu li garrbu r-rikorrenti.  Ghalhekk qed jitolbu wkoll li jinghataw rimedju effettiv u opportun, inkluz l-annullament tas-sentenzi tat-22 ta' Jannar 1990 moghtija mill-Bord, kif ukoll kumpens jew tehid lura minnhom tal-art in kwistjoni.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

6. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi f'din il-kawza li r-rikorrenti wrew li huma sidien ta' estensjoni ta' art fil-Qajjenza, f'Birzebbugia.  Is-sit jinsab wara l-istallazzjoni tal-hazna tal-gas li l-Enemalta kellha fl-inhawi.  F'Awwissu tal-1978 u f'Mejju tal-1984, l-intimat Kummissarju tal-Artijiet, f'isem il-Gvern ta' Malta, esproprja porzjonijiet mill-art ghal skopijiet pubblici, u dan biex iservu ghall-ghanijiet tal-Enemalta.  Iz-zewg bicciet art imissu ma xulxin u kellhom jigu akkwistati mill-Gvern b'titolu ta' xiri assolut.  Fiz-zewg kazi, il-kumpens offrut ma giex accettat mis-sidien u l-kwistjoni tal-kumpens tressaq quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet.  F'kaz ta' bicca art tal-kejl ta' 3985 metri kwadri, il-Bord imsemmi iffissa kumpens ta' Lm800, filwaqt li ghal bicca l-ohra ta' 5349 metri kwadri, il-kumpens iffissat kien ta' Lm952, u dana bis-sahha ta' zewg sentenzi ta' Jannar 1990.  Fiz-zewg kazi, l-art kienet meqjusa bhala agrikola. Ghalkemm il-Bord ordna li jsir it-trasferiment relattiv tal-art favur il-Gvern, il-kuntratti relattivi <u>qatt ma gew ippubblikati</u>, bir-rizultat li l-art kienet u ghadha proprjeta` tar-rikorrenti, avolja miz-zmien tal-esproprju, partijiet mill-artijiet bdew jintuzaw mill-Korporazzjoni Enemalta ghall-htigijiet taghha.  Ir-rikorrenti jghidu li huma kienu dejjem lesti jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv u anke attendew ghal dan l-iskop fl-ufficcini tad-Dipartiment tal-Artijiet, izda l-kuntratti relattivi baqghu ma sarux ghax, skond huma, inghataw

informazzjoni li d-Dipartiment ma kellux fondi ghall-akkwist. Il-Kummissarju tal-Artijiet jghid li l-kuntratti ma sarux ghax ir-rikorrenti ma ressqux prova tat-titolu taghhom u minhabba "*diffikultajiet teknici*".

"Fl-2012 partijiet zghar mill-istess art regghu gew esproprjati mill-Gvern bis-sahha tal-emendi godda li gew introdotti fl-2002 ghall-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta), b'mod li dawn il-bicctejn art saru proprjeta` tal-Gvern fit-termini tal-Artikolu 22(8) tal-imsemmija ligi. Il-bicctejn art zghar, bil-kejl ta' 509 metri kwadri u 139 metri kwadri gew stmati €205 u €58.50 rispettivament. L-esproprju sar ukoll fl-interess pubbliku, u filwaqt fuq il-bicca tal-kejl ta' 509 metri kwadri kien hemm xi installazzjoni tal-impjant tal-Enemalta, fuq il-parti l-ohra hemm sub-station li jservu wkoll il-kumpless ta' bini (residenzjali u kummercjali) fl-inhawi.

"Ir-rikorrenti qed jilmentaw mid-dewmien biex gew konkluzi l-proceduri u mill-mod kif il-Gvern abbanduna l-process, fi kliem l-Assistent Direttur, "*qisu ma grejniex wara l-kaz*" u li meta kellhom il-pjanti "*qisha l-affari mietet hemm*".

"Din il-Qorti tara li ghandha taqsam it-trattazzjoni tal-kaz f'zewg partijiet: parti tikkoncerna l-parti l-kbira tal-art, u parti li tolqot l-bicctejn art zghar esproprjati fl-2012. Irid jinghad, f'kull kaz, li l-impjant tal-hazna tal-gass li l-Enemalta kellha fuq l-art taghha hemmhekk tnehha, u l-impjant gie jew qed jigi zarmat. Illum is-sit huwa kwazi abbandunat (hlief ghal xi tankijiet li ghad hemm) u l-Enemalta qed topera minn band'ohra. Is-socjetà Enemalta plc ma tafx x'uzu sejra taghmel mis-sit taghha tal-Qajjenza.

"Din ic-cirkostanza hija rilevanti, ghax filwaqt li, originarjament l-uzu tal-art esproprjata kien fil-fehma tal-Qorti, marbut ma' skop pubbliku – il-hazna u d-distribuzzjoni ta' gass fid-djar tan-nies u fil-hwienet – illum dan l-iskop spicca, u ma ghadx hemm skop pubbliku ghaz-zamma u tehid tal-art tar-rikorrenti. Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "<u>Allied Newspapers Ltd vs Avukat Generali et</u>" deciza fit-2 ta' Dicembru 2003, l-iskop pubbliku ta' tehid ta' proprjeta` jrid jiperdura z-zmien kollu rilevanti sal-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv ta' trasferiment ta' titolu. Il-hsieb originali kien li l-art tintuza ghall-iskop pubbliku, però, parti biss kienet hekk uzata (dik il-parti esproprjata fl-2012), izda l-partijiet l-ohra jidher li ma ntuzawx. Il-parti l-kbira tal-art tar-rikorrenti ma ntuzatx mill-Enemalta, ghalkemm jinghad li parti serviet bhala "*buffer zone*". Hi x'inhi, illum l-Enemalta ivvakat mis-sit u ma jidhirx li ghad ghandha bzonn tibqa' fil-pussess tal-art tar-rikorrenti. Fil-fatt fil-kawza fuq imsemmija ta' <u>Allied Newspapers</u>, li kien jitratta l-esproprjazzjoni ta' Canberra House fil-Belt biex iservi bhala bini gdid tal-Parlament, progett li qatt ma sehh, intqal li, avolja c-cwievet tal-fond baqghu f'idejn is-sid, l-istat ta' incertezza li holqot id-dikjarazzjoni ta' esproprju, hu fih innifsu leziv tad-drittijiet tas-sidien. Intqal hekk a propozitu fir-rigward:

> "*"Dan ifisser li ghal aktar minn ghaxar snin is-socjetà rikorrenti appellata inzammet fi stat ta' incertezza bl-interferenza kontinwa fit-tgawdija pacifika taghha tal-imsemmija fondi, incertezza naxxenti mid-dikjarazzjoni tal-Agent President – kien hemm id-dikjarazzjoni ta' espropriju, però l-bini tac-cwievet b'kollox baqa' f'idejn is-socjetà rikorrenti. L-unika gustifikazzjoni li jgibu 'l quddiem l-appellanti ghal din l-istasi ta' ghaxar snin hi li progett bhal dak li kien hemm wara d-dikjarazzjoni tal-Agent President tal-21 ta' Marzu, 1989 (riferibbilment ghall-fondi de quo) hu wiehed kompless u jirrikjedi hafna negozjati u diskussjonijiet (ara d-deposizzjoni ta' Anthony Mifsud, fol. 77 et seq u fol. 83 et seq.). Però, tistaqsi din il-Qorti, allura ghalfejn harget id-dikjarazzjoni tal-Agent President fl-<u>1989</u>? Filwaqt li hu indubitat li l-Istat (principalment permezz tar-ram Ezekuttiv) ghandu d-dritt li jiddetermina hu x'inhuma l-progetti li ghandu jintraprendi fl-interess tal-kollettività, u anke jistabilixxi l-priorità bejn id-diversi progetti li, kif jigri hafna drabi, ma jkunux jistghu jitwettqu kollha f'salt, mill-banda l-ohra ma hux gust li l-individwu (jew, bhal f'dan il-kaz, persuna guridika) jigi assoggettat ghal aktar minn ghaxar snin ghal interferenza fil-possedimenti tieghu (minghajr ma l-art effettivament tittiehed mill-Istat) minghajr ma dak il-progett, li kien wara d-dikjarazzjoni ta' esproprju, <u>jibda b'xi mod jikkonkretizza ruhu</u>. Kienet ghalhekk korretta l-ewwel Qorti meta rriteniet li, <u>meta gie intavolat ir-rikors promotur ta' din il-kawza</u>, ma kienx jezisti bilanc gust bejn il-htigijiet tal-interess generali tal-komunità (jew kollettività) u l-interferenza kontinwa mat-tgawdija pacifika li s-socjetà rikorrenti kellha dritt ghaliha fir-rigward tal-fondi maghrufa bhala Canberra House. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint."*

"L-Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Artijiet qalet li fl-2012 sar esproprju mill-gdid ta' bicctejn art zghar ghax "*it-teknici qalulna li dawk huma l-area li qed jintuzaw*", però, l-art kollha tar-rikorrent baqghet fi stat ta' incertezza sa mill-1978.

"Il-kaz, hu veru, ittiehed quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet u inghataw zewg sentenzi fir-rigward (li ma gewx appellati) u li jorbtu lis-sidien, però, il-kuntratt finali baqa' ma giex ippubblikat u illum l-Enemalta ma ghadx ghandha bzonn l-istess art.

"Fil-kuntest allura tal-parti l-kbira tal-art, din il-Qorti ma tarax li ghandha tordna it-trasferiment tal-istess lill-Gvern. Is-sentenzi tal-Bord stabbilew il-kumpens, però, ma ittrasferitx il-proprjeta`, li baqghet u ghada tar-rikorrenti. Illum dak li gie deciz mill-Bord jinsab superat mill-fatt li l-art ma intuzatx ghal skop pubbliku u illum ma humiex mehtiega ghall-ebda skop pubbliku. B'dan mhux qed jinghad li d-dikjarazzjoni relattiva tat-tehid ghandha titqies nulla, izda li ghandha titqies bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dana b'sehh mil-lum. Dak li sar f'dan il-kaz skond l-imsemmi Kap. 88 qed jigi ritenut leziv tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, ghalkemm mhux qed jitqies leziv tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni. Id-dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni inharget qabel

ma gie promulgat il-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, li inkorpora fil-ligi Maltija il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, izda l-effetti tad-dikjarazzjoni ghandhom jinhassu sal-lum, b'dan li allura il-principju ta' "*fair balance*" bejn l-interessi tal-istat u tal-individwu koncernati irid japplika. La darba l-parti kbira mill-art milquta mid-dikjarazzjonijiet l-antiki ghadha tar-rikorrenti, u l-Gvern illum m'ghandhux htiega taghha ghal skop pubbliku, l-istess art trid tigi rilaxxata u moghtija lura lis-sidien taghha.

"F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti ma tistax ma tikkonkludix li ma jezistix bilanc gust bejn il-htigijiet tal-interess generali tal-komunità u l-interferenza kontinwa mat-tgawdija pacifika li ghandhu dritt ghaliha r-rikorrenti fuq l-artijiet li gew milquta bid-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-1978 u 1984. Ghalhekk tikkonkludi li jezisti vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

"Fil-kuntest tal-bicctejn art zghar esproprjata fl-2012, il-posizzjoni hi differenti. Dawk il-bicctejn art gew esproprjati taht procedura gdida u kienu jintuzaw mill-Enemalta ghall-iskopijiet taghha. Il-proprjeta` assoluta ta dik l-art ghandha, bis-sahha tal-Kap. 88 imsemmi, u minghajr ebda assikurazzjoni jew formalità ohra, tkun trasferita lejn u tkun akkwistata mill-awtorità kompetenti libera u franka minn kull piz – Art. 22(8) tal-imsemmija Ordinanza. Fit-terminu tal-Art. 6(2) tal-istess ligi, sid l-art kellu d-dritt li jikkontesta l-iskopijiet pubblici tat-tehid fi zmien 21 gurnata mill-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni. Tali kontestazzjoni ma saritx. Il-parti z-zghira nett ghadha fuq kollox, isservi skop pubbliku bhala sub-station. Dawk il-bicctejn art, ghalhekk, saru issa proprjeta` tal-Gvern, salv id-dritt tas-sid li jikkontesta, kif trid il-ligi, il-kumpens offrut si et quatenus.

"Dwar l-invit biex din il-Qorti tiddiklina li tezercita din il-gurisdizzjoni taghha, din il-Qorti tara li ma kienitx thoss li jkun gust li taghmel dan, u f'kull kaz, ir-rimedji ordinarji indikati ma kienux se jsolvu l-problema tar-rikorrenti, marbuta mal-iskop tat-tehid u d-dewmien ghad-determinazzjoni tal-process kollu. F'din il-kawza, r-rikorrenti ma kienux qed jikkontestaw il-quantum tal-kumpens kif iffissat mill-Bord fl-1990, izda d-dewmien u n-nuqqas ta' uzu li kien qed isir mill-art taghhom.

"Bhala rimedju ghall-ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti, din il-Qorti gia qalet li se tordna r-rilaxx tal-pussess tal-parti l-kbira tal-art, u sejra tordna wkoll il-hlas ta' kumpens minhabba l-istat ta' incertezza li holoq il-Gvern lir-rikorrenti ghal zmien twil. Il-Qorti sejra tqis li r-rikorrenti wkoll hallew zmien twil jghaddi qabel ma ccaqilqu. Il-kumpens ghandu jithallas miz-zewg intimati in solidum peress li t-tnejn raw kif din il-materja twalet ghal zmien twil ghal xejn (fir-relazzjoni interna tal-intimati, il-kumpens ghandu jinqasam ugwalment bejniethom)".

## L-Appelli

### *L-Appell tal-Kummissarju*

7. L-aggravji tal-Kummissarju fil-qosor, huma s-segwenti: (1) illi s-sentenza appellata hija *ultra petita* u ghalhekk nulla meta sabet lezjoni tal-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni, liema artikolu konvenzjonali ma kienx gie invokat; (2) illi s-sentenza appellata hija wkoll nulla billi, minkejja li fit-tieni paragafu tal-parti dispozittiva hemm ordnat ir-rilaxx tal-art favur ir-rikorrenti, fir-raba' paragrafu tat kumpens ta' €15,000 ghall-lezjonijiet sofferti mir-rikorrenti fid-drittijiet fundamentali taghhom; barra minn hekk mhuwiex car ghaliex inghata l-kumpens, (3) illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta sabet li, malli zzarma l-impjant tal-gass li kien hemm fuq l-art, spicca l-iskop pubbliku tal-esproprjazzjoni; (4) illi l-fatti tal-kaz ma kienux jiggustifikaw is-sejbien ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol u l-konsegwenti rilaxx tal-proprjeta`; (5) illi, fi kwalunkwe kaz ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti huwa eccessiv u sproporzjonat.

8. Jitlob ghalhekk lil din il-Qorti sabiex thassar u tannulla s-sentenza appellata tad-29 ta' April 2016 u minflok tirrimetti din il-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex tigi deciza skont il-ligi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellati.

*Risposti*

9. Ir-rikorrenti wiegbu ghall-appell tal-Kummissarju permezz ta' risposta datata 31 ta' Mejju 2016 u, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi jissottomettu illi l-appell ghandu jigi michud, bl-ispejjez kontra tieghu.

10. Is-socjeta` intimata wiegbet b'risposta tal-appell u appell incidentali fil-31 ta' Mejju 2016, fejn dwar l-appell interpost mill-Kummissarju tissottometti illi hija taqbel mal-aggravji hemmhekk kontenuti u tqis ukoll li s-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi revokata.

*L-Appell tar-Rikorrenti*

11. L-aggravji tar-rikorrenti jistghu jigu sintetizzati hekk: (1) illi l-ewwel Qorti kienet xhiha wisq maghhom fl-ghoti tal-kumpens, tenut kont tal-perijodu twil ta' zmien li fih l-intimati gawdew il-proprjeta`; (2) illi anke t-tehid tal-feles art mehud lilhom fis-sena 2012 sar minghajr ghan pubbliku u, (3) illi mhuwiex minnu li huma ma setghux jillanjaw u jikkontestaw l-iskopijiet pubblici ghat-tehid ta' dik il-feles art ghax ma segwewx il-procedura taht l-Artikolu 6(2) tal-Kap. 188.

12. Jitolbu ghalhekk lil din il-Qorti sabiex tbiddel is-sentenza appellata billi fid-decizjoni fil-paragrafu numru wiehed tirriformaha:

13. [a] billi, flok teskludi, tinkludi dik il-porzjon art tal-kejl ta' 509mk esproprjata fl-2012 ukoll mal-art l-ohra li ttehid taghha jilledi d-dritt tar-rikorrenti taht l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, stante li lanqas hawn ma jezisti interess pubbliku ghat-tehid tal-istess proprjeta` tar-rikorrenti u li ma gewx effettivament esproprjati mill-Kummissarju u,

14. [b] billi fil-paragrafu numru 4 tas-sentenza tbiddel is-somma msemmija ta' €15,000 bhala kumpens ghad-drittijiet lezivi, b'somma aktar konsoni mat-telfien sostanzjali li garrbu tul l-34 sena li l-art damet f'idejn l-intimata, filwaqt li tikkonferma l-partijiet l-ohra tas-sentenza, bl-ispejjez inkluzi ta' dan l-appell kontra l-intimati.

*Risposti*

15. Is-socjeta` intimata wiegbet b'risposta tal-appell u ghamlet ukoll appell incidentali fil-31 ta' Mejju 2016, fejn ghar-ragunijiet hemm indikati tghid li l-appell tar-rikorrenti ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghhom, filwaqt li l-appell incidentali[2] taghha ghandu jigi milqugh.

16. Il-Kummissarju wiegeb ghall-appell tar-rikorrenti permezz ta' risposta datata 1 ta' Gunju 2016, li fiha qed jitlob lil din il-Qorti thassar u

[2] Infra

tannulla s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellanti.

*L-Appell Incidentali tas-socjeta` Enemalta*

17. L-aggravji tas-socjeta` intimata jistghu jigi sintetizzati hekk: (1) illi l-ewwel Qorti ma kkonsidratx l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` esponenti illi r-rikorrenti ma gabux prova tat-titolu taghhom fuq l-art mertu tal-kawza; (2) illi l-ewwel Qorti injorat il-fatt li hemm zewg decizjonijiet validi moghtija mill-Bord li huma *res judicata* u allura l-ewwel Qorti ma setghetx tordna li l-art tghaddi lura ghand ir-rikorrenti minghajr pronunzjament gudizzjarju dwarhom; (3) illi l-kap tas-sentenza appellata fejn instabet lezjoni tal-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni huwa null billi ma giet invokata ebda lezjoni tad-dritt protett f'dak l-artikolu, la fir-rikors promotur, la matul il-proceduri u lanqas qatt ma gie trattat quddiem l-ewwel Qorti; (4) illi s-sentenza appellata hija legalment skorretta in kwantu sabet lis-socjeta` intimata responsabbli *in solidum* mal-Kummissarju intimat meta ma hi bl-ebda mod responsabbli ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

18. Ghalhekk is-socjeta` intimata qeghda titlob lil din il-Qorti sabiex thassar is-sentenza appellata u minflok, tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

*Risposti*

19. Il-Kummissarju wiegeb ghall-appell incidentali b'risposta datata 14 ta' Gunju 2016 li fiha qed jitlob lil din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

20. Ir-rikorrenti wiegbu ghall-appell incidentali b'risposta datata 14 ta' Gunju 2015, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, kif ukoll minghajr pregudizzju ghall-appell interpost minnhom, qed jitolbu lil din il-Qorti tichad l-appell incidentali, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta`.

L-Aggravji

*L-Ewwel Aggravju tal-appell principali maghmul mill-Kummissarju u t-tielet aggravju tal-appell incidentali maghmul mis-socjeta` intimata [Decizjoni Ultra Petita]*

21. In kwantu konnessi, dawn l-aggravji sejrin jigu trattati flimkien.

22. Permezz tal-ewwel aggravju tieghu l-Kummissarju jikkontendi li d-decizjoni appellata hija *ultra petita* billi sabet lezjoni tal-Artikolu 6[1] tal-

Konvenzjoni meta tali lezjoni ma gietx invokata, filwaqt li ghall-istess raguni, fl-aggravju taghha s-socjeta` Enemalta plc tikkontendi illi l-kap tas-sentenza li sab lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni huwa null.

23. Fir-rigward din il-Qorti, wara li qieset ukoll is-sentenza taghha fl-ismijiet **Michael Debono Limited v. Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et** deciza fis-27 ta' Mejju 2016 u citata mir-rikorrenti, tosserva li, b'differenza ghal dak il-kaz, fil-kaz odjern l-ewwel Qorti ma ghamlitx semplicement dikjarazzjoni ta' lezjoni tal-Artikolu 6[1] fil-parti razzjonali tas-sentenza taghha, izda inkludiet tali konkluzjoni fil-parti dispositiva tas-sentenza, meta lezjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni qatt ma kien il-meritu tal-proceduri odjerni, ma giex invokat mir-rikorrenti u lanqas trattat matul il-kors tal-kawza. Huma ghalhekk korretti l-intimati fis-sottomissjoni taghhom illi l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghal tali konkluzjoni fil-parti dispozittiva tas-sentenza appellata.

24. Izda din il-mankanza m'ghandhiex timporta n-nullita` tas-sentenza shiha imma dik il-parti biss fejn l-ewwel Qorti ddikjarat li sabet ukoll lezjoni tal-artikolu precitat.

25. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat limitatament fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi u ghalhekk qed jigi limitatament milqugh.

*It-Tieni Aggravju tal-Kummissjarju Intimat [Incertezza]*

26. Dan l-aggravju huwa fis-sens li, filwaqt li l-ewwel Qorti ordnat bhala rimedju ir-rilaxx tal-artijiet in kwistjoni, li ghalihom jirreferu d-dikjarazzjonijiet presidenzjali tas-snin 1978 u 1984, sussegwentement ghaddiet biex illikwidat kumpens ghall-istess lezjoni.

27. Barra minn hekk, f'dan l-aggravju l-intimat jissottometti li fil-parti dispozittiva taghha s-sentenza appellata tohloq:

> "…incertezza u konfuzjoni dwar ta' x'hiex gew kompensati r-rikorrenti appellati, b' mod illi mhux car, anzi huwa izjed neboluz u cioe' jekk il-hmistax-il euro kumpens inghatawx minhabba ksur tal-artikolu 6 [tal-Konvenzjoni] jew inghatawx minhabba l-ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jew inghatawx ghall-okkupazzjoni tal-art mindu din giet legalment fil-pussess tal-Gvern jew ghal xi raguni ohra".

28. Din il-Qorti tosserva li ma tirriskontra xejn fis-sentenza appellata li johloq l-incertezza li qed isostni dan l-intimat. Mill-parti dispozittiva tas-sentenza, ikkonsidrata fid-dawl tal-parti razzjonali taghha, jirrizulta car li l-ewwel Qorti sabet li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti protett bl-Artikoli 1 tal-Ewwel Protokoll gie lezi bid-dikjarazzjonijiet presidenzjali dwar l-artijet in kwistjoni, u ghalhekk tat ir-rimedji li dehrilha xierqa fic-cirkostanzi. Dawn ir-rimedji jikkonsistu kemm fir-rilaxx tal-fondi in kwistjoni kif ukoll kumpens ghal tali lezjoni, li jirrapprezenta rimedju non-pekunjarju ghat-tbatija, incertezza jew sofferenza li r-rikorrenti sofrew b'konsegwenza diretta tal-lezjoni tad-drittijiet taghhom. Tant hu hekk li

fil-parti razzjonali taghha, l-ewwel Qorti ghamlitha cara li "*...sejra tordna wkoll il-hlas ta' kumpens minhabba l-istat ta' incertezza li holoq il-Gvern lir-rikorrenti ghal zmien twil*".[3]

29. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tielet aggravju tal-Kummissarju [Skop Pubbliku]*

30. F'dan l-aggravju l-Kummissarju jikkontendi illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta sabet li malli zzarma l-impjant tal-gass, spicca l-iskop pubbliku. Jissottometti li l-fatt li zzarma l-impjant ma jfissirx li l-art ma setghetx tintuza ghal skop pubbliku mod iehor.

31. Din il-Qorti tibda billi tirribadixxi li:

> "……il-materja ta' x'inhu skop pubbliku fi procedura ta' esproprjazzjoni hija regolata mis-segwenti principji identifikati mill-gurisprudenza. L-oneru tal-prova li l-esproprju sar fl-interess pubbliku jirrisjedi fuq l-Istat.[4] Dan l-interess ghandu jibqa' jissussisti sal-mument li l-art tkun definittivament ghaddiet f'idejn l-Istat bil-konkluzjoni tal-proceduri ta' esproprju.[5] L-interess pubbliku hu immirat lejn il-generalita` u marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-proprjeta` qed tintuza, u dan indipendentement minn jekk dik l-attivita` tkunx maghmula minn awtorita` pubblika.[6] ………………….Jinghad ukoll li mhux eskluz li proprjeta' tigi esproprijata fl-interess pubbliku ghax kien hekk mehtieg biex tigi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' progett ta' utilita` partikolari fil-kuntest tal-izvilupp partikolari taz-zona".[7]

[3] Pg 15 tas-sentenza appellata.
[4] *Q.Kos. Pawlu Cachia v. Avukat Generali – 28 Dicembru 2001 App. Civ. 134/95*
[5] *Q.Kos. Tarcisio Borg v. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent et – 28 Jannar 2005*
[6] *Q.Kos. Josephine Mary Vella v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali u Kazin tal-Banda Leonard – 25 ta' Mejju 2012*
[7] *Q. Kos. Pawlu Cachia v. Avukat Generali et [supra] – sottolinear ta' din il-Qorti*

32. Kif tajjeb jissottomettu r-rikorrenti, ga ladarba jirrizulta pacifiku li l-art kienet giet esproprjata sabiex fuqha jsir l-impjant tal-hazna tal-gass, una volta illi dan ma ghadux hemm, kien jispetta lill-Kummissarju intimat illi jipprova illi kien ghadu jezisti iskop pubbliku ghat-tehid tal-art tar-rikorrenti. Izda dan ma ghamlux u ghalhekk, ghalkemm jissottometti illi dan ma jfissirx li l-art ma setghetx tintuza ghal skop pubbliku mod iehor, ma jispecifikax x'inhu dan l-iskop pubbliku iehor. Din il-Qorti tosserva li ma jistax jigi reklamat skop pubbliku *in vacuo*, izda skop irid jigi marbut ma' cirkostanzi ta' fatti sostanzjati u pprovati.

33. Hija wkoll irrelevanti s-sottomissjoni tal-Kummissarju illi t-trapass taz-zmien bejn meta zzarma l-impjant in kwistjoni u d-data tas-sentenza appellata ma kienx konsiderevoli. Jibqa' l-fatt li ghandu jezisti l-iskop pubbliku li ghalih tkun saret id-dikjarazzjoni presidenzjali sad-data tat-trasferiment finali tal-art; u, fin-nuqqas ta' dik il-prova, ma jistax validament jinghad li jkun jezisti jew ikun ghadu jezisti bilanc gust bejn il-htigijiet tal-kollettivita` u l-interferenza kontinwa li gew assoggettati ghaliha s-sidien tal-art.

34. Fid-dawl tal-principji hawn fuq iccitati, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt illi huwa ormai assodat fil-gurisprudenza nostrana illi l-iskop pubbliku jrid jipperdura sal-mument tat-trasferiment finali tal-proprjeta`,

kienet korretta l-ewwel Qorti meta kkonkludiet illi l-iskop pubbliku legittimu li ghalih originarjament kienet ittiehdet l-art tar-rikorrenti issa ma baqax jezisti, bir-rizultat li z-zamma ta' dik l-art da parti tal-Kummissarju hija vjolattiva tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u konsegwentement tat ir-rimedji li dehrilha xierqa.

35. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Ir-raba' aggravju tal-Kummissarju [Proporzjonalita` – Sentenzi tal-Bord]*

36. Dan l-aggravju huwa marbut ma' dak precedenti u huwa fis-sens li, tenut kont li skont il-Kummissarju t-tehid sar ghal skop pubbliku u tenut kont li l-valur tal-art kien gie stabbilit mill-Bord fis-sentenzi moghtija minnu f'Jannar 1990, "it-tehid sar skont il-ligi [Kap. 88] u sar ghal ghan legittimu ta' skop pubbliku u l-kwistjoni tal-proporzjonalita` tal-kumpens ghat-tehid kienet giet ukoll determinata meta gie stabbilit il-valur fis-suq tal-art esproprijata permezz ta' zewg decizjonijiet finali tal-Bord..".

37. Fir-rigward, din il-qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

38. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li l-fatt li l-valur tal-art jew artijiet kien gie stabbilit mill-Bord ma jwassalx necessarjament ghall-

konkluzjoni li r-rekwizit tal-proporzjonalita` gie sodisfatt. Fit-tieni lok, tosserva li fil-kaz odjern jirrizulta pacifiku li, minkejja dak ordnat mill-istess Bord, it-trasferiment tal-proprjeta` mir-rikorrenti ghal ghand il-Kummissarju ma sarx u baqa' ma sarx bir-rizultat li r-rikorrenti baqghu ma rcevew ebda kumpens ghat-tehid tal-art taghhom u baqghu imcahhda mit-tgawdija tal-pacifiku pussess tal-proprjeta` taghhom ghal circa 34 sena. Huwa dan il-fatt, flimkien mal-istat ta' incertezza li thallew fiha r-rikorrenti tul dawn is-snin kollha, li wassal sabiex l-ewwel Qorti ikkonkludiet li l-mizuri li ttiehdu fis-snin 1978 u 1984 u dak li sar wara, illedew id-dritt konvenzjonali tar-rikorrenti u li ghalhekk iddikjarat li d-dikjarazzjonijiet presidenzjali relattivi huma bla effett.

39. Din il-Qorti tirribadixxi li:

> "Abnormally lengthy delays in the payment of compensation for expropriation lead to increased financial loss for the person whose property has been expropriated putting him in a position of uncertainty [see Akkus v Turkey, 9 July 1997 para.29N] The same applies to abnormally lengthy delays in administrative or judicial proceedings in which such compensation is determined, especially when people whose property has been expropriated are obliged to resort to such proceedings to which they are entitled. [see Aka v Turkey, 23 September 1988 para.49..][para.52].
>
> "14. Fil-kaz odjern jirrizulta kristallin li d-dewmien da parti tal-intimat ghall-hlas tal-kumpens huwa wiehed esagerat u irragjonevoli u huwa manifestament leziv tad-dritt tar-rikorrenti sancit fl-Art.1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Ghall-kaz odjern japplika bis-shih dak osservat minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Peter Cassar Torreggiani v. Kummissarju tal-Art, deciza fl-10 ta' Novembru 2011:
>
>> "...bil-fatt stess li ghal zmien sostanzjali r-rikorrenti baqghu u ghadhom minghajr kumpens ghat-tehid tal-proprjeta` taghhom, anke jekk dak it-tehid huwa wiehed legittimu, tikkonfigura l-vjolazzjoni kontemplata fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-

> Konvenzjoni [ara B&B Property Development Co.Ltd. v. Kummissarju tal-Art, deciza 9 ta' Novembru 2012, u Vica Ltd. v. Kummissarju tal-Artjiiet, deciza 3 ta' Frar 2012]. In-nuqqas ta' hlas ta' kumpens ghat-tehid ghal zmien sostanzjali bhal dak in dizamina fih innifsu jpoggi fuq ir-rikorrenti piz eccessiv u sproporzjonat u b'hekk qed jivvjola l-principju tal-'fair balance' li insitu fl-Art.1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, anzi huwa "inherent in the whole Convention" [ara Cossey v. UK 1990]".[8]

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat.

*Il-Hames aggravju tal-Kummissarju, l-Ewwel aggravju tar-Rikorrent u r-Raba` aggravju tas-socjeta` Enemalta plc [Rimedju – Hlas tal-kumpens]*

40. Dawn l-aggravji ser jigu trattati flimkien in kwantu konnessi u jikkoncernaw il-kumpens akkordat mill-ewwel Qorti.

41. Permezz ta' dan l-aggravju tieghu, il-Kummissarju qed jikkontesta l-kumpens moghti mill-ewwel Qorti bhala eccessiv meta wiehed jikkonsidra li l-art kienet agrikola u li tassew ittiehdet u ntuzat ghal skop pubbliku. Fl-aggravju taghhom ir-rikorrenti jilmentaw illi l-ammont likwidat huwa baxx wisq ghax ma jirrispekkjax it-telf soffert minnhom. Huma ilhom spussessati mill-art de quo ghal dawn l-ahhar 34 sena u, in kwantu l-art giet uzata sabiex jigi kummercjalizzat il-gass ghall-uzu domestiku, jikkontendu illi l-kumpens irid jigi stmat abbazi ta' kriterji kummercjali. Min-naha taghha, is-socjeta` intimata tikkontendi illi hija

[8] Q.Kos. John Caruana et vs Kummisarju tal-Artijiet, deciz 31 Ottubru 2014; Q.Kos. Peter Cassar Torreggiani vs Kummissarju tal-Artijiet, deciz 10 Novembru 2011; Q.E.D.B. Appl.14796/11 Deguara Caruana Gatto vs Malta, deciz 9 Lulju 2013.

kienet qed taghmel uzu minn jedd taghha u, in kwantu ma hijiex responsabbli ghall-process ta' esproprijazzjoni ma tista' tigi tenuta thallas ebda kumpens.

42. Fil-kaz odjern din il-Qorti tosserva li, minn naha wahda, tenut kont tal-istat ta' incertezza li thallew fih ir-rikorrenti ghal tant snin u d-daqs konsiderevoli ta' art li kienet ittiehdet minghandhom, kif ukoll iz-zmien twil li damu privati mill-proprjeta` taghhom; u, minn naha l-ohra, il-fatt li originarjament meta kienu saru d-dikjarazzjonijiet presidenzjali fis-snin 1978 u 1984 l-element tal-iskop pubbliku kien manifestament ezistenti ghalkemm sussegwentement maz-zmien ma baqax jipperdura, u l-fatt li r-rikorrenti permezz tal-gudizzju odjern ser jinghataw lura l-art mehuda bid-dikjarazzjonijiet presidenzjali fuq indikati, kif ukoll tenut kont tal-fatt li meta l-art kienet ittiehdet kienet ghall-utilita` pubblika, kienet konsidrata bhala agrikola, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ammont ta' €15,000 rapprezentanti d-danni mhux pekunjarji fissati mill-ewwel Qorti huwa wiehed gust u din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti fir-rigward.  Dan jinghad wara li qieset ukoll id-decizjoni taghha fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-Kummissarju intimat u t-tielet aggravju tas-socjeta` intimata.

43. Rigward id-danni pekunjarji li ghandhom jinghataw lir-rikorrenti ghall-vjolazzjoni subita minnhom, din il-Qorti tosserva li huwa relevanti

dak li talbu r-rikorrenti fir-rikors guramentat fejn, wara li talbu dikjarazzjoni gudizzjarja tal-lezjoni tad-dritt fundamentali hemm indikat, talbu li l-Qorti: –

> "taghti dawk id-direttivi kollha li jidrilha mehtiega u xierqa sabiex ir-rikorrenti jinghataw rimedju effettiv u opportune ghall-vjolazzjoni fuq imsemmija u b' hekk tannulla l-precitata sentenza tat-22 ta' Jannar 1990, fil-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet billi mehuda bi ksur tad-drittijiet tal-esponenti ghall-kumpens xieraq f'kaz ta' tehid ta' artijiet u tillikwida favur l-esponenti dak il-kumpens lilhom hekk dovut, jew tordna t-tehid lura minnhom tal-art in kwistjoni, sabiex jaghmel tajjeb ghall-ksur tad-dritt fondamentali taghhom kif fuq inghad".[9]

44. Dan ifisser li bhala kumpens pekunjarju r-rikorrenti qed jitolbu, jew li jinghata lilhom kumpens xieraq ghat-tehid tal-art da parti tal-intimati, tenut kont tal-valur taghha, jew tordna r-rilaxx tal-istess art lir-rikorrenti "sabiex jaghmel tajjeb ghall-ksur tad-dritt fundamentali taghhom". Ghalhekk, fid-dawl ta' dak li qed jitolbu r-rikorrenti, ladarba l-art ser tigi restitwita lir-rikorrenti mhux il-kaz li jigi fissat kumpens ghat-telf tal-uzu taghha matul iz-zmien li l-art kienet mizmuma mill-intimati.

45. F'dak li ghandu x'jaqsam mar-raba' aggravju tas-socjeta` intimata, din il-Qorti tinnota li r-rimedju li qed jinghata huwa kumpens għall-ksur ta' dritt fundamentali naxxenti minn proceduri li ttiehdu mill-Kummissarju intimat fuq talba tas-socjeta` intimata li, anke minkejja li eventwalment ma baqax jipperdura l-interess pubbliku, xorta wahda baqa' jzzomm l-art bi pregudizzju ghar-rikorrenti u in vjolazzjoni tad-dritt taghhom ghat-

[9] Sottolinear ta' din il-Qorti

tgawdija pacifika tal-art. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax tirravviza raguni valida li ghaliha s-socjeta` intimata ghandha tigi esonerata milli thallas ghad-danni mhux pekunjarji sofferti mir-rikorrenti.

46. Ghaldaqstant dawn l-aggravji mhumiex gustifikati u qed jigu michuda.

*It-tieni aggravju tar-rikorrenti [Skop Pubbliku – art 509 mk]*

47. Permezz ta' dan l-aggravju, ir-rikorrenti jsostnu illi kellha tigi liberata wkoll il-porzjon feles tal-art esproprijata tal-kejl ta' 509mk in kwantu, skont huma, waqt is-smigh tar-rikors kostituzzjonali ma hareg ebda ghan pubbliku li jsostni legalment l-esproprju ta' din l-art, anzi jkomplu jsostnu li tali feles intalab biss biex isir abbuz bis-sahha tal-ligi u tinqasam fi tnejn il-proprjeta` taghhom bl-iskop illi jitbaxxa l-valur tal-proprjeta`.

48. Rigward dan l-aggravju hija korretta s-socjeta` intimata fis-sottomisjoni taghha illi l-process ta' esproprjazzjoni ta' din il-bicca art u ta' feles art ohra ta' madwar 139mk [li ma tifformax parti minn dan l-aggravju] giet konkluza fis-sena 2012 taht il-ligi l-gdida li tirregola l-materja tal-esproprjazzjoni, u li ghalhekk iz-zmien rilevanti meta kellu

jkun hemm l-iskop pubbliku ghall-validita` tal-esproprjazzjoni huwa l-2012.

49. Mill-atti processwali jirrizulta inkontestat illi l-espropriju in kwistjoni sar fl-interess pubbliku, precizament sabiex issir l-istallazzjoni ta' impjant tal-Enemalta. Jirrizulta illi maz-zmien parti kbira mill-art in kwistjoni ma baqghetx okkupata mis-socjeta` intimata u li ghalhekk dik il-parti ser tigi rilaxxjata, filwaqt li parti zghira minnha, fosthom il-feles mertu ta' dan l-aggravju baqa' jigi okkupat mill-Enemalta u fuqu hemm parti mill-kumpless li kien jintuza bhala impjant tal-gass.[10] Kien ghalhekk li fis-sena 2012 sar l-esproprju taghha.[11]

50. Kienet ghalhekk gusta u korretta l-ewwel Qorti meta ghamlet distinzjoni bejn l-art li giet esproprjata fis-sena 2012 u l-bqija tal-art li rrilaxxat permezz tal-gudizzju hawnhekk appellat. Din il-Qorti tosserva li r-rikorrenti ma gabu ebda prova li tissostanza l-allegazzjonijiet taghhom dwar abbuz tal-intimati mill-provvedimenti tal-ligi, jew li b'xi mod tfixkel il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti in rigward.

51. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-tielet aggravju tar-rikorrenti [rimedju ordinarju]*

---

[10] Vide rapport tal-Perit Michael Schembri a fol 182
[11] Vide xhieda ta' Margaret Falzon mid-Dipartiment tal-Artijiet a fol 68 aet seq

52. Permezz ta' dan il-gravam, ir-rikorrenti jikkontendu li hassewhom aggravati bl-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li ma setghux jillanjaw u jikkontestaw f'dawn il-proceduri l-element tal-iskop pubbliku ghat-tehid tal-feles art ta' cirka 509mk ladarba ma utilizzawx ir-rimedju moghti mill-ligi ordinarja fl-Artikolu 6[2] tal-Kap. 188.

53. Ir-rikorrenti jissottomettu li, kif deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **l-Avukat Mark Refalo noe v. Direttur tal-Artijiet et**[12], "effettivament l-artikolu 6 [2] ma jaghtix garanzija li l-propretarji huma kollha kemm huma notifikati fi zmien utili sabiex jistghu jikkontestaw tali esproprju…".

54. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li qabel ma giet ippubblikata d-dikjarazzjoni presidenzjali fis-6 ta' Gunju 2012, ir-rikorrenti kienu avvzati circa xahrejn qabel li kienet ser tigi esproprjata l-art in kwistjoni. Fi kliem ir-rikorrent Tony Gauci:

> "Fit-18 ta' April 2012 ircevejna avviz mid-Dipartiment tal-Artijiet fejn gejna mgharrfa bl-akkwist ta' bicctejn art wahda ta' 509 metru kwadru [l-art de quo] bi prezz ta' €205 u l-ohra ta' 139 metru kwadru bil-prezz ta' €58.50. Sussegwentement dehret [fil-gazzetta tal-gvern] fis-6 ta' Gunju 2012 dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ghal dan l-iskop".[13]

[12] RG. 36/2011 deciza fit-28 ta' Jannar 2016
[13] Fol.130

55. Din il-Qorti tosserva illi s-sentenza li fuqha r-rikorrent jibbaza dan l-aggravju fl-ismijiet **L-Avukat Mark Refalo noe v. Id-Direttur ta' l-Artijiet et**, giet deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Settembru 2016, u permezz taghha, din il-Qorti sehqet:

> "23. Il-legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim'Awla biex, minn naha l-wahda ma jkunx hemm kawzi kostituzzjonali [jew taht il-Kap.319] bla bzonn, izda minn naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew u taht il-lenti tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea [anke jekk dawn setghu jigu ezaminati taht xi ligi ohra] dawn jigu hekk ezaminati, u dan fid-dawl tal-rimedju jew rimedji li "huma jew kienu disponibbli" favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha. Konsegwentement, meta l-Prim' Awla taghzel li tezercita' s-setghat taghha, din il-Qorti Kostituzzjonali ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata minn dik il-Qorti hlief f'kazijiet fejn dik il-Qorti tkun manifestament u grossolanament zbaljat fl-uzu ta' dik id-diskrezzjoni." [Q.Kos. Raymond Vella et v. Il-Kummissarju tal-Artjiiet deciza fl-24 ta' Mejju 2004]
>
> "24. Fil-kaz odjern, kif korrettament spjegat mill-intimati fl-aggravju taghhom, jezisti fil-ligi ordinarja rimedju effettiv, adegwat, u accessibbli ghal min, bhar-rikorrenti, ikun irid jikkontesta l-element tal-iskop pubbliku fil-kaz ta' espropriju, billi jadixxi lill-Bord sabiex jindirizza l-lanjanza tieghu.
> …..
> "28. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz iddiskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti li ma tiddeklinax milli tezercita ssetghat kostituzzjonali taghha u tkompli tisma' l-kaz, hija manifestament erroneja u tirrendi dawn il-proceduri intempestivi".

56. Fid-dawl tal-premess, kienet ghalhekk korretta l-ewwel Qorti meta kkonsidrat li r-rikorrenti naqsu milli jaghmlu uzu mill-procedura taht l-Artikolu 6(2) tal-Kap. 88 u kkonkludiet li ma setghux issa jikkontestaw l-iskopijiet pubblici ta' dak l-esproprju fi proceduri kostituzzjonali. Huma kellhom rimedju legittimu fil-ligi sabiex jaghmlu dan fi zmien 21 jum mill-

pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni presidenzjali, izda ghazlu li ma juzawx dan ir-rimedju, ghalhekk - *imputet sibi.*

57. Dan l-aggravju jirrizulta ghalhekk infondat u qed jigi respint.

*L-Ewwel aggravju tas-socjeta` Enemalta plc [Prova tat-titolu]*

58. Permezz ta' dan l-aggravju s-socjeta` intimata tikkontendi illi l-ewwel Qorti ma kkonsidratx l-ewwel eccezzjoni taghha illi r-rikorrenti ma gabux prova tat-titolu taghhom, u li l-provi migjuba mir-rikorrenti ma humiex bizzejjed sabiex jippruvaw tali titolu.

59. Din il-Qorti tibda billi tosserva illi l-ewwel Qorti fethet il-konsiderazzjonijiet taghha b'kostatazzjoni cara, jew ahjar "*...f'din il-kawza li r-rikorrenti wrew li huma sidien ta' estensjoni ta' art fil-Qajjenza, f'Birzebbugia...*" u kompliet bil-kostatazzjonijiet taghha dwar l-imsemmija art. Ma huwiex minnu ghalhekk illi l-ewwel Qorti ma qisietx l-ewwel eccezzjoni tal-Enemalta plc, izda jirrizulta illi waslet ghall-konkluzjoni li r-rikorrenti rnexxielhom jipprovaw li huma s-sidien tal-art in kwistjoni.

60. Ferm il-premess, din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza taghha tad-29 ta' Jannar 2016, fl-ismijiet **Carmelo Grech et v.**

**Awtorita' tad-Djar**, fejn rigward il-prova tat-titolu dwar art taht ordni ta' rekwizizzjoni osservat hekk:

> "… din ma hijiex kawza rivendikatorja tal-proprjeta' u ghalhekk ma hijiex mehtiega l-*probatio diabolica*. Bizzejjed il-presunzjoni li tohrog mill-art.525 [1] tal-Kodici Civili".[14]

61. Il-Qorti tinnota li fil-kors tal-kawza odjerna gew prezentati bosta dokumenti in sostenn tat-titolu tar-rikorrenti, fosthom l-arblu tar-razza, kuntratt ta' divizjoni kif ukoll certifikati tal-mewt u ricerki testamentarji sabiex jigu stabbiliti s-successuri tal-partijiet li gew nieqsa. Korroborazzjoni tat-titolu taghhom huwa wkoll il-fatt li l-Kummissarju intimat kien diga` indika li s-sidien kienu r-rikorrenti u l-awturi taghhom meta istitwixxa l-proceduri kontrihom quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet fis-sena 1990.

62. Tenut kont ta' dawn il-fatturi kollha, din il-Qorti ma tirriskontra ebda raguni li fuqha ghandha tvarja d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti in rigward u qeghda ghalhekk tichad dan l-aggravju.

*It-tieni aggravju tas-socjeta` Enemalta plc [res iudicata]*

63. Permezz ta' dan il-gravam, is-socjeta` intimata tissottometti illi s-sentenzi tal-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet li ordnaw it-trasferiment tal-artijiet mertu tal-kawza huma llum res judicata, u l-ewwel Qorti ma

[14] Ara wkoll Q.Kos. Victor Gatt et vs Avukat Generali et, deciza 5 Lulju 2011

setghetx tordna li l-art tghaddi lura ghand ir-rikorrenti minghajr pronunzjament gudizzjarju dwarhom, in kwantu tali decizjonijiet jorbtu kemm dwar it-trasferiment, kif ukoll dwar il-kumpens.

64. Din il-Qorti tosserva li, filwaqt li huwa inkontestat illi d-decizjonijiet tal-Bord huma llum *res iudicata*, jibqa' l-fatt li minkejja tali decizjonijiet tal-Bord, il-kuntratt ta' trasferiment finali baqa' ma sarx, b'dan illi ghajr ghaz-zewg porzjonijiet art li gew trasferiti b'mod finali bis-sahha tad-dikjarazzjonijiet presidenzjali pubblikati fis-6 ta' Gunju 2012, il-bqija tal-art baqghet effettivament proprjeta` tar-rikorrenti, li pero` baqghu imcahhdin minnha ghal ghexieren ta' snin. Din il-Qorti tirribadixxi li:

> "Wiehed ghandu jifhem li meta kienet originarjament promulgata l-Ordinanza Dwar it-Tehid tal-Art ghal Skop Pubbliku tramite il-procedura tal-esproprijazzjoni, il-legislatur kien mhux biss haseb ghat-tehid immedjat tal-pussess u d-disponibilita' tal-proprjeta' biex tigi utilizzata ghall-iskop li ghalih tkun giet esproprijata, imma wkoll ghal process spedit ta' likwidazzjoni ta' kumpens dovut anke bit-twaqqif ta' tribunal kwazi gudizzjarju b' kompetenza teknika in materja. Zgur li l-Ordinanza qatt ma kienet mahsuba biex ........ il-Gvern jiehu l-art, jutilizzaha ghal ghexieren ta' snin …. u xi darba jhallas kumpens".

65. Fil-kaz odjern kienet l-inattivita` tal-Kummissarju intimat li wasslet ghas-sitwazzjoni li qeghdin fiha r-rikorrenti llum li gew spussessati ghal zmien twil mill-proprjeta' taghhom. Kien huwa li ma hax passi tempestivi sabiex isir l-att finali ta' trasferiment kif ordnat fis-sentenzi li issa qed jittanta jistrieh fuqhom u dan ghar-raguni li ma kienx hemm fondi pubblici bizzejjed biex jaghmel tajjeb ghax-xiri tal-art *de quo*.

Jinsab ormai assodat illi l-istat jista' jivvjola d-drittijiet fundamentali mhux biss b'att posittiv izda anke b'ommissjoni:

> "Any perpetuation of the expropriation suffered by an individual from the State Party in question is relevant. This denial of the use of possession can also be committed through an omission, failure to take legal action for the protection of the rights of an individual.
>
> "Keeping in mind the precedent in Tyrer, in which the Court has found that states not only have an obligation to refrain from harming individuals (status negativus) but also is obliged to take positive measures to ensure the protection of human rights (status positivus),[15] the Member States are under the obligation to prevent damage to the property. ….omissis… In recent years, the positive obligations concerning the right to property have become clearer and the Court will now examine both negative and positive obligations of states parties to the Convention...".[16]

66. Maghdud ma' dan hemm il-fatt ormai stabbilit li l-iskop pubbliku ghal tali tehid, li seta' kien ezistenti fil-mument tad-decizjonijiet moghtija mill-Bord, illum ma ghadux jezisti, u ghalhekk gie nieqes l-iskop ghal tali tehid forzus tal-proprjeta` tar-rikorrenti.

67. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi l-Qorti tiddeciedi billi:

---

[15] *Ehlers, D. Die Europäische Menschenrechtskonvention. Jura – Juristische Ausbildung. 2000, 22: 372 et seq., at p. 374*

[16] **Compensation Under The European Convention On Human Rights For Expropriations Enforced Prior To The Applicability Of The Convention**, Stefan Kirchner, Katarzyna Geler-Noch+, Mykolas Romeris University 2012 <https://www.mruni.eu/upload/iblock/c07/2_Kirchner.pdf> [accessed 2/11/2016]

tichad l-appell principali tar-rikorrenti;

tilqa’ l-appell principali tal-Kummissarju u l-appell incidentali tas-socjeta` intimata limitatament billi tirrevoka u thassar dik il-parti tad-disposittiva tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti sabet ksur tad-dritt tar-rikorrenti kif protett mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u, tichadhom ghal bqija;

tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu invarjati, filwaqt li l-ispejjez tal-appell principali tal-Kummissarju intimat jithallsu in kwantu ghal erbgha minn hamsa [$^{4}/_{5}$] mill-istess Kummissarju u r-rimanenti kwint [$^{1}/_{5}$] mir-rikorrenti; l-ispejjez tal-appell principali tar-rikorrenti ghandhom jithallsu kollha mill-istess rikorrenti in solidum; l-ispejjez tal-appell incidentali tas-socjeta` intimata ghandhom jithallsu in kwantu ghal-tlett kwarti [$^{3}/_{4}$] minnha filwaqt ir-rimanenti kwart [$^{1}/_{4}$] ghandu jithallas mir-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb